**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 153/2016 CFF**

**Wara l-atti tal-ittra ufficjali 1376/2016 a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ismijiet:**

**Francis Dimech**
**Vs**
**Automated Revenue Management Services Limited f'isimha proprju u ghan-nom tal-Enemalta PLC u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma**

**Illum 27 ta' Marzu, 2018**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** ta' Francis Dimech li bil-gurament tieghu jikkonferma:

1. Illi permezz ta' ittra ufficjali prezentata fir-registru ta' dina l-Onorabbli Qorti nhar it-30 ta' Mejju, 2016, is-socjeta' intimata Automated Revenue Management Services Ltd (C 46054) ai fin ital-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta iddikjarat illi l-esponenti ghandu jhallasha l-ammont ta' alef, disa' mija, tlieta u hamsin ewro u tnax-il centezmu (€1,953.12) bhala konsum ta' ilma u elettriku, spejjez amministrattivi, *connection* u *disconnecton fees*, u imghax dovut relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru

101000114551 dwar il-fond bl-indirizz 67, Notre Dame, Triq il-Lampuki, San Pawl il-Bahar.

2. Illi l-esponenti jirrileva illi l-fond suindikat kien bieghu madwar ghaxar (10) snin ilu u kemm dam jirrisjedi fih huwa dejjem hallas il-kontijiet li rcieva mis-socjeta' intimata puntwalment;

3. Illi ulterjorment u bla pregudizzju ghas-suespost, lura fis-sena elfejn u sitta (2006) l-arlogg tal-provista tal-ilma tnehha mill-fond suindikat u cioe' dak bl-indirizz 67, Notre Dame, Triq il-Lampuki, San Pawl il-Bahar (vide Dok A);

4. Illi ghar-ragunijiet suesposti u ghal ragunijiet ohra li ghandhom jigu provati quddiem din l-Onorabbli Qorti, l-esponenti jixtieq jikkontesta d-dikjarazzjoni maghmula mill-intimat bhala wahda ghal kollox illegali u infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont imsemmi assolutament m'huwiex dovut mill-istess esponenti;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti a tenur tal-Artikolu 466(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta umilment jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara bhala wahda infondata t-talba maghmula fl-ittra tas-socjeta' intimata datata t-30 ta' Mejju, 2016, ghar-ragunijiet fuq esposti u ghar-ragunijiet li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawza. B'rizerva ghal kull dritt iehor spettanti lill-istess esponenti u bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata.

Rat **ir-risposta** tas-socjeta' Automated Revenue Management Services Limited pro et noe li esponiet:

1. Illi fl-ewwel lok is-socjeta' Automated Revenue Management Services Limited ipprezentat l-ittra ufficjali promotorja f'isimha propju u ghan-nom u in rapprezentanza tal-Enemalta plc u l-Korporazzjoni ghas-servizzi tal-ilma u ghalhekk fl-okkju ta' din il-procedura ghandha tigi ndikata bhala Automated Revenue Management Services Limited pro et noe.

2. Illi s-servizz/i provduti fil-fond 67, Notre Dame, Triq il-Lampuki, San Pawl il-Bahar kien/u u baqghu registrati f'isem l-imsemmi Francis Dimech u biex ir-rikorrent jehles mir-responsabbilita' legali li ntrabat biha meta applika ghas-servizz/i seta' facilment ukoll applika biex dan il-kont idur ghal fuq is-sid il-gdid hekk kif il-fond in kwistjoni ma baqghax f'idejh, jew inkella nehha s-servizz/i ghal kollox, ovvjament wara li jigi saldat kull kont sa dakinhar.

3. Illi l-ittra ufficjali, imsemmija fuq hija allura valida u ghandha tigi reza esekuttiva kontra Francis Dimech fl-ammont fuq indikat ta' €1,953.12 u dan peress li jissussistu l-elementi kollha mehtiega ai termini tal-Art. 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u kien proprju minhabba f'hekk li s-socjeta' esponenti ghamlet uzu minn tali procedura.

4. Illi ghaldaqstant u b'rizerva ghal kull prova ohra kif ikun mehtieg li tingieb, bil-permess ta' din il-Qorti, is-socjeta' esponenti pro et nomine hija tal-fehma li din l-istess Qorti ghandha tichad it-talba tar-rikorrenti bhala minghajr bazi fil-fatt u fid-dritt u tiddikjara l-ittra ufficjali numru 1376/2016 pprezentata ai termini tal-Art. 466 tal-Kap 12. tal-Ligijiet ta' Malta bhala titolu ezekuttiv fl-ammont ta' €1,953.12 kontra l-imsemmi Francis Dimech.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati.

Francis Dimech jghid li hu u martu bieghu proprjeta' fl-2005 u min xtara din il-proprjeta' zvilluppaha f'appartamenti. Jghid li rcieva kont minghand l-ARMS sitt snin wara li biegh il-proprjeta' in kwistjoni, ta' €1,953.12 izda hu u martu kkontestaw dan il-kont stante li dejjem halsu l-kontijiet puntwalment u ma hallew l-ebda kont pendenti. Inoltre jghid li martu Doris Dimech kitbet diversi ittri lill-ARMS, kif ukoll ittra bl-Avukat fejn giet spjegata s-sitwazzjoni u avolja l-ARMS bghatu l-acknowledgments tal-ittri mibghuta, is-sitwazzjoni qatt ma trangat. Kif il-proprjeta' in kwistjoni inbieghet fl-2006, il-konjugi Dimech marru l-postal office biex jaghmlu change of address u Francis Dimech kien anke mar il-Water Services

sabiex jitnehha l-meter tal-ilma. Izid jghid li sahansitra anke l-mara tieghu kienet marret il-Water Services fejn infurmawha li kienu se jikkomunikaw maghha izda l-ebda komunizzjoni ma saret minn naha taghhom. Wara li l-konjugi Dimech ikkomunikaw mal-ARMS minn tal-inqas erba' darbiet, l-ARMS qatt ma kkorrispondew lura izda ghamlu ittra ufficjali kontra l-konjugi Dimech.

Doris Dimech tigi mart Francis Dimech u tikkonferma li kienet proprjetarja flimkien mar-ragel taghha tal-proprjeta' in kwistjoni li nbieghet u giet zvilluppata f'appartamenti. Ikkonfermat ukoll li rceviet kont mill-ARMS sitt snin wara li l-proprjeta' kienet inbieghet u avolja saret komunikazzjoni kemm minn naha taghha kif ukoll minn naha tal-Avukat tal-konjugi Dimech, dawn ta' l-ahhar baqghu bla risposta. Izzid tghid li r-ragel taghha kien mar il-Water Services fl-istess zmien li nbieghet il-proprjeta' sabiex jinqala' l-meter tal-ilma u sahanistra marret anke hi personalment il-Water Services fejn giet infurmata li kienu se jikkomunikaw maghha, izda baqghet bla risposta.

Ruben Bonnici rapprezentant tal-ARMS ipprezenta dokument immarkat bhala Dok RB4 a fol 47 tal-process liema dokument huwa applikazzjoni sabiex il-meter jinqala' minn postu. Ruben Bonnici jindika li f'dawk iz-zminijiet ta' meta saret l-applikazzjoni sabiex jitnehha l-meter, l-applikazzjoni kienet tkun komposta minn tliet karti, carbon copy. Wahda bajda, wahda hadra u wahda safra. Il-bajda kienet tinzamm mill-Water Services, ohra kienet tinzamm mill-konsumatur u l-ohra kienet tinzamm fil-file relattiv. Mir-ricerki li ghamel, jidher li l-karta l-bajda nzammet mill-konsumatur u ghalhekk il-Water Services ma kellhom l-ebda applikazzjoni sabiex jitnehha l-arlogg.

Doris Dimech xehdet fis-seduta tas-7 ta' Marzu, 2017 fejn indikat illi meta kienet applikat fl-2006 sabiex jitnehha l-meter tal-ilma, gew xi haddiema li fil-fatt qalghu l-arlogg, iffirmaw karta u ghaddew din il-karta lil Doris Dimech. Izzid tghid li tiftakar li l-karta kienet ta' kulur abjad. Fl-2011 hija bdiet tircievi xi kontijiet mill-ARMS u meta marret tkellimhom u uriethom il-karta l-bajda, nfurmawha li dik il-karta mhux suppost kienet fil-pussess taghha.

Ikkunsidrat:

Ir-rikorrenti Dimech u l-mara tieghu ircivew kont mis-socjeta' intimata datat 17 ta' Lulju 2013 ghall-perjodu bejn l-4 ta' Jannar 2011 u t-28 ta' Lulju 2011 fl-ammont ta' elf disa' mija wiehed u erbghin Ewro u tnax-il centezmu (€1941.12) u dan kif jirrizulta a fol 33 tal-process, u dan ghall-fond 67, Notre Dame, Triq il-Lampuki, San Pawl il-Bahar.

Ir-rikorrenti u l-mara tieghu Doris Dimech kienu bieghu dan il-fond fit-22 ta' Dicembru tas-sena 2005[1], minn hemmhekk huma jghidu li bdew il-proceduri biex jitnehha l-*meter* minn dan il-fond biex b'hekk is-sidien il-godda jkunu jistghu jergghu japplikaw mill-gdid.

Ir-rapprezentant tas-socjeta' intimata ezebixxa dokument a fol 47 tal-process li juri l-applikazzjoni min-naha tar-rikorrenti biex dan il-meter jinqala liema applikazzjoni taqra d-data tat-2 ta' Jannar 2006, sussegwentement dan id-dokument gie ittimbrat minn certu Ian Castillo mill-Enemalta Corporation, li gie ittimbrat fis-sena 2006 u hemm miktub *"meter removed".*

Peress li r-rikorrenti u martu kienu jafu li dan il-meter tnehha huma ma setghux jifhmu kif kienu qed jircievu l-kontijiet ghall-perjodu hawn fuq indikat u fil-fatt kienu kemm il-darba jiktbu lis-socjeta' intimata biex tikkjarifika, izda huma dejjem jircievu l-istess risposta li l-kaz taghhom kien se jigi invesigat[2]. Milli jirrizulta a fol 48 tal-process jidher li s-socjeta' intimata b'xi mod irreferiet dan il-kaz lil certu M Vassallo biex jara jekk effettivament dan il-meter qattx inqala, pero' madanakollu r-rikorrenti dejjem baqghu minghajr risposta.

Jirrizulta li dan il-meter mit-timbru indikat a fol 47 tal-process veru kien tnehha izda n-notament li kellu jittiehed mill-haddiema li nehhew il-meter tad-dawl

[1] Kopja tal-kuntratt ezebita a fol 19 tal-process
[2] Ara fol 23 et seq tal-process

nghata lil mart ir-rikorrenti bi zball u dan kif jixhed Ruben Bonnici rapprezentant tas-socjeta' intimata a fol 45 tal-process.

Il-Qorti hawnhekk taqbel ma' l-argument tar-rikorrenti li galadarba d-dokument li jikkonferma t-tnehhija tal-meter ma nzammx mis-socjeta' intimata allura m'ghandux ikun ir-rikorrenti li ghandu jhallas u jbati ta' dan l-izball. Iktar minn hekk meta jirrizulta ampjament li r-rikorrenti u martu ma qaghdux iharsu izda ghamlu dak kollu possibbli li setghu jaghmlu min-naha taghhom biex is-sitwazzjoni anomala li kellhom mas-socjeta' intimata u cioe' li jircievu l-kontijiet minghajr lanqas biss ghandhom *meter* installat, tigi iccarata, u kienet is-socjeta' intimata li deliberatament ittraskurat l-ilmenti tar-rikorrenti u martu.

Ir-rikorrenti hadu l-passi necessarji kwazi b'mod immedjat wara l-bejgh tal-fond in kwistjoni biex inehhu l-*meter* mill-fond li kien taghhom. Fil-fatt ir-rikorrenti jikkonferma li l-kontijiet beda jircevihom biss fis-sena 2011, u immedjatament wara r-rikorrenti u martu bdew jikkontestaw dawn il-kontijiet.

Is-socjeta' intimata min-naha taghha fit-trattazzjoni tghid li ladarba t-timbru huwa ta' l-Enemalta u mhux tal-Water Services allura l-meter li tnehha kien dak tad-dawl u mhux dak ta' l-ilma, ghaliex dak iz-zmien l-ewwel li kien irid jitnehha kien il-meter tad-dawl umbaghad ta' l-ilma, madanakollu s-socjeta' intimata naqset milli tipprova dan. Fl-opinjoni tal-Qorti, r-rikorrenti mexa kif kellu jimxi, applika mal-Water Services kif kellu jaghmel dak iz-zmien u d-dokument jindika li l-meter tnehha, issa liema meter kien, l-oneru tal-prova tieghu kien jispetta lill-istess socjeta' intimata u mhux lir-rikorrenti li fic-cirkostanzi, kif il-Qorti ga qalet mexa kif kellu jimxi. Jekk kien hemm xi nuqqas dan kien tas-socjeta' intimata u m'ghandux ghalxiex jehel u jbati r-rikorrenti tieghu.

**Decide:**

**Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi r-rikors, billi filwaqt li tilqa' t-talba tar-rikorrenti Francis Dimech kif kontenuta fir-**

**rikors numru 153/2016 CFF datat 30 ta' Gunju 2016, tichad ir-risposta tas-socjeta' intimata. Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**